TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 22/14-F

**Joanne Azzopardi**
**vs**
**Frank Borda Ltd.**

Illum 6 ta' Mejju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-31 ta' Jannar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u disgħa w disgħin ewro (€199), rappreżentanti prezz ta' *hob* illi wara ftit li nxtara bdew jitħassru n-numri.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *oven* u *hob* mingħand is-soċjeta' ntimata u wara ftit xhur indunat li n-numri tal-*oven* u tal-*hob* kienu qed jitħassru. Illi wara li lmentat mas-soċjeta' ntimata, dawn biddlu l-panel tal-forn imma mhux tal-*hob*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti u stante li s-soċjeta' ntimata ma kkontestatx it-talba, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' mija u disgħa w disgħin ewro (€199), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-*hob* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888